**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 12 ta' Frar, 2020**

**Talba Nru: 63/2019 PM1**

**Thomas Frank (ID Nru. 147490(A))**

**Vs**

**Valletta 2018 Foundation**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Marzu, 2019 illi permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta' tlett elef erba' mija u hmistax-il euro u sebgha u tmenin centezmu (€3415.87) dovuta mill-Fondazzjoni konvenuta lill-attur ghal servizzi rezi mir-rikorrent fuq inkarigu tal-istess Fondazzjoni konsistenti fi *storytelling workshops*, produzzjoni ta' film u servizzi relatati, kif ukoll danni subiti u spejjez inkorsi;

bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali dekorribbli skont il-ligi sad-data tal-hlas effettiv tas-somma kollha kontra l-istess Fondazzjoni.

Ra r-risposta tal-Fondazzjoni konvenuta datata 12 t' April, 2019 li permezz taghha l-istess Fondazzjoni konvenuta, filwaqt li ammettiet li ghandha taghti lill-attur is-somma ta' disa' mija u sittax-il euro (€916), ikkontestat ir-rimanenti bilanc tas-somma mitluba peress illi l-ftehim milhuq kien limitat ghal din is-somma u t-talba ghas-somma ulterjuri ma tirrispettax dak li kien pattwit u miftihem bejn il-partijiet. L-istess Fondazzjoni tikkontendi wkoll li, peress li dejjem kienet lesta li thallas lill-attur tax-xoghol li wettaq fl-ammont mhux kontestat imma tali ammont baqa' ma thallasx biss ghaliex l-attur baqa' jitlob ammont li mhux dovut lilu, hi m'ghandha tahti ghall-ebda spejjez u imghaxijiet ta' dan l-allegat dewmien li kien tort l-istess attur, bl-ispejjez a karigu tal-istess attur.

Ra n-nota tal-attur b'ghadd ta' dokumenti annessi ezebita fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019.

Sema' x-xhieda tal-attur waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019 u wkoll waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju, 2019.

Ra n-nota tal-Fondazzjoni konvenuta li, permezz taghha, ghar-ragunijiet hemmhekk imsemmija iddikjarat li m'hemmx htiega li jinbidel l-okkju tal-kawza.

Kompla jisma' x-xhieda tal-attur in kontro-ezami waqt is-seduta tad-29 t'Ottubru, 2019.

Ra n-nota tal-Fondazzjoni konvenuta b'anness l-affidavit ta' Giuliana Barbaro-Sant u dokumenti ohrajn datata 7 ta' Novembru, 2019.

Sema' x-xhieda in kontro-ezami ta' Giuliana Barbaro-Sant waqt is-seduta tas-16 ta' Dicembru, 2019.

Ra n-nota tal-Fondazzjoni konvenuta datata 8 ta' Jannar, 2020 u d-dokumenti annessi mal-istess.

Sema’ x-xhieda ta’ Giuliana Barbaro-Sant waqt is-seduta tat-30 ta’ Jannar, 2020.

Ra li waqt tali seduta l-avukati difensuri tal-partijiet iddikjaraw li m’ghandhomx aktar provi x’jipproducu.

Sema’ t-trattazzjoni bil-fomm tal-istess rapprezentanti legali rispettivi.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-provi kollha prodotti.

Ra li l-kawza baqghet differita ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

**Ikkunsidra**

Illi permezz tal-kawza odjerna l-attur qed jitlob li jigi rizarcit fis-somma ta’ €3415.87 rapprezentanti kumpens ghal servizzi rezi minnu lill-Fondazzjoni konvenuta oltra danni subiti u spejjez inkorsi minnu bhala konsegwenza tal-inkarigu moghti lilu mill-istess Fondazzjoni konvenuta. Ghal tali talba l-Fondazzjoni konvenuta wiegbet billi filwaqt li ddikjarat li kienet qed taqbel li l-attur kien intitolat ghall-hlas tas-somma ta’ €916, ikkontestat l-ammont bilancjali tat-talba billi eccepiet li tali somma kienet tmur oltre dak li kien pattwit u mifithem bejn il-partijiet. Ikkontestat ukoll it-talba ghall-hlas ta’ imghaxijiet ghaliex, skont hi, kien l-attur stess li rrifjuta l-pagament spettanti lilu u li l-Fondazzjoni kienet lesta thallas u dana ghaliex huwa baqa’ jippretendi ammonti ulterjuri.

Illi mill-provi prodotti rrizulta li n-negozju konkluz bejn il-partijiet jinsab regolat permezz ta’ kuntratt regolarment miftiehem u accettat miz-zewg partijiet (u li kopja tieghu tinsab ezebita a fol. 10 et. seq ta-process). Ghalkemm jinsab ammess mill-Fondazzjoni konvenuta li l-konvenut baqa’ qatt ma ffirma dan il-kuntratt (ara f’dan is-sens xhieda moghtija minn Giuliana Barbaro Sant waqt is-seduta tas-16 ta’ Dicembru, 2019 a fol.67 tal-process), xorta wahda irrizulta car li l-istess attur ghadda sabiex jippresta is-servizzi tieghu abbazi tal-istess kuntratt u kwindi gie li, skont il-ligi, offra li

jippresta s-servizzi tieghu proprju a bbazi tal-istess kuntratt u ‘brief’ moghtija lilu mill-Fondazzjoni konvenuta u li l-Fondazzjoni accettat is-servizzi tieghu fuq l-istess bazi.

Illi ghaldaqstant tenut kont tal-ftehim vinkolanti bejn il-partijiet, huwa car li ghandu jsib qabelxejn applikazzjoni l-principju tal-*pacta sunt servanda* kif testwalment sancit permezz tal-art. 992 tal-**Kodici Civili** u li jipprovdi s-segwenti:

> « *(1) Il-kuntratti magħmula skont il-liġi għandhom saħħa ta’ liġi għal dawk li jkunu għamluhom.*
> *(2) Dawn il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta’ xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi.* »

Tali artikolu, fil-fatt gie regolament interpretat mill-Qrati Taghna bis-segwenti mod:

> « *Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa' dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta' tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda. Dan iwassal ghall-principju iehor stabbilit li jirritjeni li l-kuntratti ghandhom jigu esegwiti in 'bona fede' u li jobbligaw mhux biss dak li jinghad fihom, izda wkoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha tali obbligazzjoni.* » **(Fenech Salvu Vs Malta Dairy Products Limited** deciza mill-Onor. Prim’Awla tal-Qorti Civili fit-30 t’Ottubru, 2003, fost diversi ohrajn).

Illi ghaldaqstant huwa car li anke fil-kaz in ezami il-partijiet huma tenuti li jwiegbu ghall-obbligi taghhom kif minnhom stess pattwiti u li, in linea mas-surreferit, jikkostitwixxu l-ligi li tirregola n-negozju ta’ bejniethom.

Illi perdipiu` it-Tribunal ma jistax ma jinnutax illi r-rapprezentanti tal-Fondazzjoni Guliana Barbaro Sant xehdet diversi drabi u kull darba ikkonfermat illi l-partecipanti kollha fil-progett ta’ Orfeo Majnun, inkluz allura l-attur, kienu ben konsapevoli tal-ftehim

milhuq maghhom u dana ghaliex it-termini u kundizzjonijiet applikabbli ghax-xoghol taghhom gew ripetutament rezi a konoxxenza taghhom fil-laqghat li saru u wkoll permezz ta-kitba (ara f'dan is-sens l-affidavit ta' Giuliana Barbaro-Sant a fol.51 et. seq. tal-process).

Illi fuq kollox huwa l-istess attur li, kemm permezz tal-eccezzjonijiet moghtija u kif ukoll permezz tax-xhieda tieghu, fl-ewwel lok ma ppruvax jattakka dak miftiehem mal-Fondazzjoni konvenuta tant illi huwa stess hareg kontijiet proprju in linea ma' dak li kien gie pattwit (ara f'dan is-sens kontijiet li jinsabu ezebiti a fol. 12 u 13 tal-process). Huwa fil-fatt jillimita ruhu billi jikkontendi li partecipanti ohrajn fl-istess progett thallsu ghal kull element ta' xoghol provdut minnhom u hu jikkontendi li l–istess ghandu jsehh fil-konfront tieghu.

Illi in materja ta' interpretazzjoni ta' kuntratti l-art. 1002 tal-**Kodici Civili** jipprovdi espressament li :

> «*Meta l-kliem ta' konvenzjoni, meħud fis-sens li għandu skont l-użu fiż-żmien tal-kuntratt, hu ċar, ma hemmx lok għal-interpretazzjoni.* »

It-Tribunal fela bir-reqqa l-kuntratt maqbul bejn il-partijiet u d-dicitura hemmhekk uzata, anke avut rigward ghall-verzjonijiet moghtija mill-partijiet rispettivi, ma thalli lok ghal ebda interpretazzjoni. Fil-fatt jinsab provdut, skont l-istess kuntratt li kull patrecipant kellu jipprezenta « *10 workshops per assigned community* » u li l-pagament relattiv kien ser ikun « *based upon the number of workshops held with the assigned community, against the presentation of an invoice* » ghal total ta' €600 ex-VAT. Jinsab ukoll precizat li oltre din is-somma ta' €600 "*no other financial assistance will be provided by the Foundation unless by agreement in writing*". Mill-provi prodotti irrizulta wkoll li, sussegwentement il-Fondazzjoni accettat li tirrizarcixxi lill-partecipanti ghall-ispejjez inkorsi minnhom (sa massimu ta' €300). F'dan ir-rigward Giuliana Barbaro Sant fissret is-surreferit u l-istess attur oltre li hareg kontijiet in linea mas-surreferit (kopji ezebiti a fol.12 u 13 tal-process) jikkonferma li "*through this document dated 28th April, 2018* (…)

*we were informed of the actual rate which we were going to get paid for our services*" u fil-fatt ikompli sabiex jikkonferma proprju dak li eventwalment xehdet dwaru Giuliana Barbaro Sant abbazi tal-istess document li z-zewg partijiet jirreferu ghalih bhala l-kuntratt li abbazi tieghu gew prestati s-servizzi mertu tal-kawza odjerna. L-istess attur jikkonferma kwindi li, oltre s-somma massima ta' sitt mitt euro (€600) skont l-istess kuntratt kien intalahaq ftehim li jkun hemm pagament addizzjonali sa massimu ta' tlett mitt euro (€300) ghall-ispejjez inkorsi mill-istess partecipanti (ara f'dan is-sens xhieda tal-attur moghtija minnu waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019). Ghaldaqstant huwa car li m'hemm ebda lok ghal interpretazzjoni dwar il-pagament spettanti lill-attur ghar-rwol tieghu f'tali progett.

Illi kieku dan ma kienx wahdu bizzejjed sabiex jeskludi kwalunkwe interpretazzjoni differenti tal-istess kuntratt kif avvanzata mill-attur, lanqas ma ssib it-tezi tieghu ebda riskontru fattwali mill-provi prodotti. Huwa minnu li l-attur prova, fi stadju posterjuri ghall-konkluzjoni ta' tali ftehim u wara li huwa stess kien hareg kontijiet proprju abbazi tal-istess kuntratt, javvanza l-pretiza tieghu ghal hlas fir-rigward ta' xoghol li huwa kien qighed unilateralment jikkunsidra addizzjonali. F'dan ir-rigward diga` inghad li l-principju regolatur tal-kuntratti huwa proprju dawk li kuntratti vinkolanti bejn il-partijiet "*ma jistgħux jiġu mħassra ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mil-liġi."* Huwa l-istess attur li jammetti madanakollu li "*at that stage we could not agree on any additional payments which were due to me*" (xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tal-5 ta' Gunju, 2019) ghalkemm sussegwentement jiccita u jezebixxi email li, skont hu, wasslet ghall-ftehim li huwa jithallas ghal xoghol addizzjonali fir-rigward tal-filmat tieghu. Madanakollu t-Tribunal qara sew din l-email u minnha ma tista' tinsilet bl-ebda mod xi accettazzjoni da parti tal-Fondazzjoni li hija kienet disposta li tvarja dak originarjament maqbul mal-attur u thallsu ghal xi xoghol li huwa kien qed jikkunsidra unilteralment bhala addizzjonali wisq anqas jirrizultaw xi rati godda li abbazi taghhom tista' tigi gustifikata t-talba attrici ghas-somma shiha minnu pretiza. Fil-fatt, mistoqsi mill-istess Tribunal fir-rigward tas-somma addizzjonali mitluba

minnu huwa wiehed hekk: "*I am being asked by the Tribunal how I determined the total amount of two thousand and eighty* (euros) *(€2080) and I explain that this was determined by myself unilaterally and there was no agreement to this effect with the Valletta 2018 Foundation.*" (xhieda moghtija mill-attur waqt is-seduta tal-25 ta' Gunju, 2019). Certament li dan m'huwiex il-mod illi bih jinthalaq ftehim dwar kumpens ghal servizzi pattwiti jew jigi varjat ftehim milhuq b'rati stabbiliti u vinkolanti bejn il-partijiet. L-attur kien ben konsapevoli tal-kundizzjonijiet relattivi ghax-xoghol tieghu u accettahom bl-ghazla tieghu li offri li jippartecipa f'tali progett proprju skont tali kundizzjonijiet. F'kaz ta' rizervi ghall-istess seta' facilment jaghzel li ma jidholx ghal tali xoghol u mhux jidhol ghalih proprju skont tali kundizzjonijiet u mbaghad jittenta jvarja l-istess wara.

Fir-rigward tas-sottomissjoni tal-attur li huwa intitolat ghall-hlas pretiz minnu ghaliex haddiehor ukoll thallas oltre dak patwit, irrizulta kjarament ukoll mill-provi prodotti li l-Fondazzjoni applikat b'mod uniformi t-termini u kundizzjonijiet kollha pattwiti minnha mal-partecipanti rispettivi u li hadd mill-istess partecipanti ma gie b'xi mod favorit jew pregudikat fil-hlas spettanti lilu ghax-xoghol imwettaq minnu. Sahansitra gew ezebiti kontijiet u ricevuti ta' hlas rigwardanti terzi persuni ghas-serhan tal-mohh tal-istess attur (siggillati a fol. 69 tal-process). L-attur, tramite r-rapprezentant legali tieghu, prova jqajjem dubbju dwar kif thallsu certu partecipanti partikulari imma f'dan ir-rigward gie imfisser ampjament u bl-aktar mod car li hadd mill-partecipanti ma gie imhallas aktar minn darba ghax-xoghol tieghu (u li kull pagament, kif kjarament indikat fl-istess kuntratt, huwa bazat fuq kull komunita` li r-*raccounteur* rispettiv ikun responsabbli ghaliha u skont ir-rati surreferit ghal kull komunita`). Fil-fatt irrizulta car li, b'referenza ghad-dokumenti ufficjali mahrug mill-istess Fondazzjoni (Dok. GBS1 ezebit a fol. 62 tal-process) oltre milli b'referenza ghall-kontijiet u ricevuti ezebiti anke fir-rigward ta' terzi persuni, kulhadd jidher li thallas proprju dak pattwit b'mod uniformi mar-*racounteurs* kollha minghajr ebda privilegg jew diskriminazzjoni bejn l-attur u l-bqija tal-partecipanti.

Illi tenut kont tas-surreferit huwa car li t-Tribunal huwa marbut li japplika l-ftehim kif milhuq bejn il-partijiet u li jinterpretah in linea mad-dicitura cara u univoka utilizzata fl-istess ftehim u in linea ma’ dak li, fuq kollox, irrizulta wkoll mill-provi prodotti. F’dan ir-rigward it-Tribunal jinnota li gustament il-Fondazzjoni mhux qed tikkontesta s-somma ta’ €916 bhala dovuta lill-attur proprju in linea ma’ dak miftiehem bejniethom.

Ai fini ta’ kompletezza jinghad ukoll li ma tressqu ebda provi dwar danni li setghu gew sofferti mill-attur, senjatament ic-cirkostanzi partikulari ta’ fejn u meta suppost inkissret din il-camera tieghu jew provi ohrajn tal-hsara lamentata minnu f’dan ir-rigward bhal ricevuti jew stimi.

Konsegwentement it-Tribunal ser jghaddi sabiex jilqa’ t-talba limitatament fir-rigward tas-somma ta’ disa’ mija u sittax-il euro (€916) u jichadha ghall-bqija. Fir-rigward tal-ispejjez u l-imghaxijiet ghandha ragun ukoll il-Fondazzjoni li tikkontesta tali pretensjoni da parti tal-attur. Jirrizulta li sa minn *in limine litis* il-Fondazzjoni kienet qed toffri l-pagament li huwa dovut lill-attur in linea mal-ftehim milhuq minnu anke jekk ghas-saldu tad-drittijiet u pretensjonijiet tieghu imma l-konvenut baqa’ jinsisti ghal pagamenti ulterjuri li palezement ma kienx intitolat ghalihom. Hekk ukoll jirrizulta li l-ispejjez gudizzjarji gew inkorsi miz-zewg partijiet proprju bhala konsegwenza tas-surreferit u kwindi hawn ukoll il-Fondazzjoni konvenuta m’ghandhiex tigi kkundannata thallas ebda parti minn tali spejjez.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jilqa’ l-eccezzjonijiet kollha tal-Fondazzjoni konvenuta, jilqa’ t-talba tal-attur limitatament fis-somma ta’ disa’ mija u sittax-il euro (€916) bl-imghaxijiet mid-data tas-sentenza, jichadha ghall-bqija u bl-ispejjez jigu sopportati mill-istess attur.

______________________________

Av. Dr. Philip M. Magri